Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAL-ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 3 ta' Awwissu 2011

**Ħin:** Mis-5.50pm sat-7.55pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur J. Cassar (wasal fis-6.45pm)
Is-Sur Guido Borg
**Skużat:** Il-Kunsillier Trevor De Giorgio

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill emajl li ġġib id-data tat-3 ta' Awwissu 2011 mingħand il-Kunsillier T. DeGiorgio fejn infurma li ser ikun imsiefer fuq xogħol u ma jistax jattendi (mehmuza).

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Kunsillier J. Cassar infurma li ser jasal tard għax kien għadu xogħol.

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tad-Disa' u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tad-Disa' u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 13 ta' Lulju 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tad-Disa' u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 13 ta' Lulju 2011 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **Mill-Minuti.**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-preżentazzjoni tad-donazzjoni lill-President għan-nom tal-Malta Community Chest Fund saret nhar il-Erbgħa, 27 ta' Lulju 2011 f'12.00pm mis-Sindki taż-żewġ lokalitajiet fil-preżenża ta' diversi Kunsillieri miż-żewġ Kunsilli u s-Segretarji Ezekuttivi.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill emajls li jġibu d-data tas-26 ta' Mejju 2011, tat-2 ta' Ġunju 2011 u tad-29 ta' Lulju 2011 li hija bagħtet lill-Perit Bezzina (mehmuza) liema emajls ġew ikkuppjati lill-kunsillieri kollha. Hija nnutat li d-dokumenti ta'

l-offerta li ġew ippreparati mill-perit ma homiex konformi mad-dokumenti tad-Dipartiment tal-Kuntratti u dan wara li ttardja milli jagħti d-dokumenti fil-ħin b-47 ġurnata.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi bagħtet d-dokumenti lis-Sur Anthony Cachia li huwa l-*liasion officer* mal-Kunsilli fuq kuntratti ta' l-EU biex jagħti opinjoni jekk id-dokumenti li ġew ippreparati mill-perit homiex konformi mat-*templates* tad-Dipartiment tal-Kuntratti u r-risposta kienet li huwa ma kienx inkarigat jeżamina d-dokumenti imma jagħmel *liaison* biss. Is-Sindku talab li tiġi organizzata laqgħa bejnu, il-Kunsillier T. DeGiorgio u l-Perit mal-*liaison officer* tad-Dipartiment tal-kuntratti. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li l-Kunsillier T. DeGiorgio ser ikun imsiefer minn nhar l-Erbgħa, 10 ta' Awwissu u ma jistax jkun li jibqaw isiru dawn id-*delays* għax diġa qegħdin tard u kienet ser titlob appuntament urġenti qabel ma jsiefer il-Kunsillier T. DeGiorgio.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-offerta għas-servizz ta' Project Administrator – PAS 1/11 ħarġet għal-pubbliku fis-27 ta' Lulju 2011 u tagħlaq fid-19 ta' Awwissu 2011 fil-11.00am. Il-Kunsill unanimament qabel li l-offerti ser jinfetħu mis-Sindku u l-Kunsillier G. Borg.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi fit-18 ta' Lulju 2011 bagħtet ittra rreġistrata lid-ditta MP&DC Ltd dwar il-pjanti li għandu bżonn dwar permess 1224/08 għall-*embellishment* tal-Wied ta' Ħal Balzan u l-pjanti waslu. Il-Kunsill unanimament qabel li tintbagħat ittra lill-istess ditta biex naraw jekk iridux jissottomettu l-applikazzjoni għal-*Urban Improvement Funds* tal-MEPA biex nieħdu l-fondi biex isir ix-xogħol jew jekk iridux jagħtu *release* biex ix-xogħol isir minn perit ieħor.

5. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi s-Sindku tal-Kunsill Lokali Żagħżagħ Ħal Balzan, s-Sinjorina Charlene Giordimaina nfurmata li l-attivita' mhux ser issir għax spiċċat taħdem weħedha.

6. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi għalkemm bagħatet l-ittri ta' konsultazzjoni (dwar ħruġ ta' permessi għat-tqiegħid ta' *tables and chairs* lis-sid ta' Old Smuggler's Pub), lir-residenti ta' parti minn Triq il-Kbira, skond ir-reġistru elettorali u anki residenti oħra li jinsabu fid-direttorju tat-telefon u lis-sid ta' post numru 35 peres li l-post huwa vojt, għoxrin ittra b'kollox irreġistrati, ħafna mill-*pink sheet* ma ġewx lura u sirna nafu li xi *pink sheets* spiċċaw għand ir-residenti. Hija nfurmat lill-Kunsill illi għamlet ilment mal-Maltapost u xi *pink sheets* waslu sadanittant bagħatu kopja tal-firem li juru li l-ittri waslu għand dawk indirizzati.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, żewġ emajls li rċieviet mingħand il-Kunsillier T. DeGiorgio u mill-Kunsillier G. Borg li jġibu d-data tat-3 ta' Awwissu 2011 dwar is-suġġett (mehmuza). Kopja ta' dawn l-emajls kienu kkuppjati lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Kunsill innota li mhux ser jieħdu deċizjoni f'din il-laqgħa peres li ma ngħatax biżżejjed ċans biex ir-residenti jirrispondu imma kien ser jieħdu deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

7. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hija kitbet lill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta kif indika l-Kunsill skond il-minuti ta' l-aħħar laqgħa u anki kitbet biex il-karozza tal-linja li qed tiġi proposta għal-Ħ'Attard, rotta numru 54 tgħaddi minn Ħal Balzan fi triqtha lejn il-Belt. L-ittri kollha ġew ikkuppjati lill kull kunsillier meta ntbagħatu.

8. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Bord ta' l-Evalważżjoni għal-post ta' Segretarju Ezekuttiv għandu jiltaqa nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu 2011 għaldaqstant l-intervisti għadhom ma bdewx isiru.

9. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill illi s'issa ma nstabux applikazzjonijiet għal-dar ta' l-anzjani quddiem il-MEPA fi Triq Birbal kantuniera ma Triq il-Kannizzata imma kien qed jistenna risposta mingħand persuna li taf bl-applikazzjoni u din il-persuna ser tipprovdi n-numru ta' l-applikazzjoni. Il-Kunsill unanimament qabel illi tintbagħat ittra lill-MEPA biex isir *traffic impact assessment* mill-MEPA qabel ma jinħareġ il-permess sabiex ma jiġrix dak li ġara meta nfetħet Casa Antonia.

10. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi s-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said ser iżur Ġnien Joseph A. Stellini nhar it-Tnejn, 8 ta' Awwissu 2011 fid-9.00am.

11. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi jrid jara x'jagħmel dwar *derelict vehicle* li tinsab fi Triq il-Karenza peres li għalkemm il-Pulizija waħħlu avviż biex jinformaw lis-sid li din ser titneħħa, dawn issa ma jridux ineħħuha. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill *Subsidiary Legislation 65.13 "Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations*" (mehmuza). Il-Kunsill unanimament qabel li jikteb lill-Kumitat Reġġjonali Ċentrali biex dan jiddiskuti l-materja u jara jieħux din il-funżjoni f'idejħ.

12. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill dokument ippreżentat mill-Kumitat Konġunt Birkirkara dwar risposta għal-PQ 27646 u l-ammont ta' fondi li ser jieħu l-Kunsill minn *surplus funds* kif approvat mill-Kumitat Konġunt (mehmuz).

13. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill id-dokument ta' l-offerta u kuntratt li ġie iffirmat ma The Guard & Warden Service House Ltd mill-Kumitat Reġġjonali Ċentrali.

**3. <u>Rapport dwar Sustainable Energy Action Plan - SEAP.</u>**

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, emajl li ġġib id-data tal-25 ta' Lulju 2011 mill-*Covenent of Mayors Office* u r-rapport SEAP li ġie ppreparat minn Dconsulta Ltd (mehmuza). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa permezz ta' l-emajl.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi d-dokument ma setgħetx tipprintjaħ kollu wara paġna 47 u talbet lill min kitbu biex jara għaliex u jerġa jibgħatu. Hija nnutat li hemm nota fir-rapport li ser jitneħħa l-*terminus* tal-linja meta *terminus* qatt ma kien hemm u li l-Kunsill irid jara l-kontenut hux possibbli li jsir peres li ladarba dan ir-rapport jiġi approvat irid isir jitella' fuq il-*website* tal-*Covenent of Mayors* u dawn iridu jaraw li x-xogħol imwiegħed isir.

Is-Sindku nnota li *diagrams* 25 u 33 ma homiex ċari u jrid jiddiskuti fuq livell ta' Reġġjun Ċentrali dwar id-dwal tat-toroq peres li dawn ser jibdew jaqaw fir-responsabilita' tar-Reġġjun Ċentrali u skond ir-rapport il-Kunsill ser ikun marbut li jibdel il-bożoż għal-*energy saving* jew *solar lighting*.

Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsillieri ridux jagħaddu kummenti fuq ir-rapport qabel ma jiġi approvat. Il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier G. Borg qalu li ma kellhomx żmien biżżejjed biex jarawħ u kienu ser jiltaqaw biex jarawħ flimkien u jagħtu l-kummenti lis-Segretarju Ezekuttiv sal-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu 2011 sabiex hi tkun tista tibgħat il-kummenti lill-DConsulta biex jiġi emendat ir-rapport.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ser issir PQ dwar kemm residenti ta' Ħal Balzan ikkonkurrew għall-iskema ta' sussidju biex jiġu stallati *photovoltaic panels* u *solar water heaters*.

Is-Sindku talab li ssir konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali Ħ'Attard dwar kemm ġiet tiswa l-istallazzjoni ta' *solar zebra-crossing*.

Is-Sindku talab li r-rapport jitella għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

## 4. Korrispondenza.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn l-14 ta' Lulju 2011 u t-3 ta' Awwissu 2011 u rapport tal-korrispondenza li ġiet pprezentata li ġġib id-data tat-3 ta' Awwissu 2011 (mehmuz).

**Ittra Numru 795/11:** Talba ta' kjarifika minn resident dwar talba ta' konsultazzjoni fir-rigward ta' ħruġ ta' permessi għal-imwejjed u siġġijiet. Il-Kunsill idderiga lis-Segretarju Ezekuttiv dwar kif għandha tirrispondi.

**Ittra Numru 794/11:** L-ittra mill-WasteServ dwar European Week for Waste Reduction ġiet innutata.

**Ittra Numru 793/11:** Memo 66/2011 dwar Skema ta' Finanzjament għal-Titjib fil-*Playing Fields* Ezistenti ġiet innutata. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika biex jikseb fondi biex jagħlaq il-*playing field b'fence* biex jipproteġi lit-tfal u jevita atti vandali.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-permess tal-MEPA bin-numru 4191/07 li ħareġ fis-27 ta' Ġunju 2008 jkopri t-tqiegħid ta' grada madwar il-*playing field* u dan il-permess huwa validu tas-26 ta' Ġunju 2013.

Il-Kunsill unanimament qabel li jikseb stima li għandha tiġi pprezentata lill-Kunsill biex tiġi magħluqa l-*play area* biss sabiex tkun tista ssir l-applikazzjoni għal-fondi.

Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill illi trid issir plakka bl-isem tal-*playing field* "Ġnien Joseph A. Stellini" fuq barra ħdejn it-taraġ prinċipali u ma kull bieb tabelli dwar projbiżżjonijiet bħal "*No Ball, skateboards, dogs* etc"

**Ittra Numru 792/11:** Id-dokument *Strategic Environmental Assessments* ġie nnutat.

**Ittra Numru 785/11:** L-ittra mill-IPSL dwar xogħol kuntrattwali li ma għandux isir mill-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li ma jsirx aktar xogħol ta' *road markings* mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Ittra Numru 784/11:** Il-Permess minn Transpost Malta biex issir *parking bay* fi Triq it-Tabib Zammit kantuniera ma Triq San Frangisk ġie nnutat.

**Ittra Numru 781/11:** L-ittra mill-Kumitat Konġunt fejn jinfurmaw lill-Kunsill illi ħa €3836.52 bħala rifużjoni mis-sistema tal-*pooling* ġiet innutata.

**Ittra Numru 778/11:** L-ittra mill-Ministeru MITC fejn qed jinfurmawn li qed jikkunsidraw li rotta numru 54 tgħaddi minn Ħal Balzan u li fi żmien qasir il-karozza tal-linja numru 106 ser tkun dik imwiegħeda *hybrid, diesel-electric*.

**Ittra Numru 777/11:** L-ittra mill-Kulleġġ Santa Tereza dwar kif ser jintużaw il-fondi li baqa' mill-proġett tal-konsortium ġiet innutata.

**Ittra Numru 774/11:** L-ittra mis-Segretarjat għall-Anzjani biex ninnominaw persuna għal-Premju Anzjan tas-Sena ġiet innutata.

**Ittra Numru 749/11:** L-ittra minn Transport Malta dwar it-talba għal-*residential parking scheme* ġiet innutata. Il-Kunsill talab li Transport Malta tikkjarifika x'arja tippretendi li tkun koperta mill-iskema.

**Ittra Numru 748/11:** L-ittra minn Transport Malta dwar *shifting* taz-*zebracrossing* li tinsab fi Triq Birbal ġiet innutata.

**Ittra Numru 744/11:** L-ittra ta' ċaħda ta' permess minn Transport Malta dwar *black spot warning sign* fi Triq it-Tabib Zammit ġiet innutata.

**Ittra Numru 743/11:** L-ittra dwar approvazzjoni ta' permess minn Transport Malta dwar *shifting* tar-*road hump* fi Triq it-Tabib Zammit ġiet innutata. Ix-xogħol ser isir meta tiġi *resurfaced* it-triq.

**Ittra Numru 742/11:** L-ittra minn Transport Malta dwar zebgħa ta' *single yellow line* fuq iż-żewġ naħat ta' Sqaq Numru 4 fi Triq Sant Antnin ġiet innutata.

**F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier J. Cassar.**
**Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-*break* ta' ħames minuti.**

**5. <u>Kommunikazzjoni tas-Sindku.</u>**

1. Is-Sindku qal li xtaq jinnota u juri d-dispjaċir tiegħu dwar xi kummenti li saru dwar l-attivita' Lejla Balzanija minn ċerti persuni. Huwa nnota li l-kummenti nqalaw wara li l-Malta Gaming Authority ma ħarġitx il-permess biex issir it-tombla u dan għaliex il-membri tal-Kazin San Gabriel marru tard biex japplikaw għal-permess u dan meta l-Kunsill kien avżahom fil-31 ta' Mejju 2011 li kien imiss lilhom li jorganizzaw it-tombla (ittra datata 31 ta' Mejju 2011 tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill) u li jridu jiksbu l-permess għat-tombla. Is-Sindku nnota li n-nuqqas ta' koperazzjoni minn naha tal-Kazin San Gabriel u l-*boycott* li għamlu lill-attivita' wasslet għal-nuqqas ta' attendenza u dan kellu mpatt fuq il-Kazin Marija Annunzjata li rama' bl-ikel.

   Is-Sindku qal din l-attivita' ilha ssir ħdax-il sena u dejjem saret bil-kollaborazzjoni taż-żewġ Kazini tal-Banda tar-raħal, sena wieħed jorġanizza t-tomba u l-ieħor jipprovdi l-ikel u s-sena ta' wara min ikun organiżża t-tombla jipprovdi l-ikel u minn ikun ipprovda l-ikel jorganizza t-tombla u qatt ma kien hemm problemi ħlief din is-sena.

   Huwa nnota li l-isforz u l-ispejjes li għamel il-Kunsill biex issir din l-attivita' u tkun suċċess. Huwa nnota li flok din l-attivita' l-Kunsill jista jonfoq il-flus biex tinxtara PA System zgħira u b'hekk il-Kunsill ma joqgħodx jikriha kull darba u tkun tista tiġi wzata matul is-sena kollha.fuq attivitajiet żgħar li jsiru matul is-sena fi Ġnien Joseph A. Stellini taħt il-*gazebo*.

2. Il-Kunsillier J. Cassar informa lill-Kunsill illi l-Kazin Marija Annunzjata kien behsiebu jorġanizza tombla fi Ġnien Joseph A. Stellini fis-26 ta' Awwissu 2011 u staqsa jekk il-Kunsill għandux xi oġġeżżjoni sabiex ikunu jistaw japplikaw. Il-Kunsill unanimament qabel li ma għandux oġġeżżjoni imma jrid jippreżenta l-permess għat-tombla qabel ma jinħareġ il-permess.

3. Il-Viċi-Sindku staqsa jekk il-*bus shelter* li hemm fi Triq Ġużè Bonnici jistax jneħħiha ladarba din ma għadiex tintuża u hija ta' periklu. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill Kunsill illi ser tikteb lill-Transport Malta u kif ikollha risposta timxi skond ir-risposta peress li l-*bus shelter* mhiex propjeta tal-Kunsill.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li kienet qeda taħdem fuq l-ħruġ tat-talba għal-kwotazzjonijiet għal-*advertising panels* u *traffic barriers* kif ġie deċiż mill-Kunsill fl-aħħar laqgħa imma meta daret l-applikazzjoni ERDF205 biex tara x'tip ta' *street furniture* tista tinkludi ma sabet xejn ħlief *large format locality map* u staqsiet jekk il-Kunsill jridx li din tkun inkluza fit-talba għal-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill unanimament qabel li l-*locality map* tkun inkluza u li din għandha tkun 2 metri wiesa u għolja 2.5 metri u cioe' l-istess għoli tad-*display panels* għar-riklami. It-*traffic barriers* għandhom ikunu wiesa metru u 1.2 metri għoljin.

## 6. <u>Rapport dwar l-ilmenti.</u>

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti pendenti li jġib id-data tat-3 ta' Awwissu 2011 (mehmuz).

**Ilment Numru 170011062137973:** Il-Kunsill unanimament qabel li ssir lampa ma Celine Flats fi Triq Sir Antonio Micallef jekk ir-residenta li toqgħod taċċetta li din titwaħħal mal-faċċata tad-dar tagħha.

**Ilment Numru 17011004147205 u 17011002148973:** Ilment dwar karozza abanunata fi Triq Karenza. Ara artiklu taħt "Mill-Minuti" għad-deċiżjoni.

## 7. <u>Approvazzjoni biex isir il-ħlas.</u>

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-22 ta' Ġunju 2011 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €11,652.31.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 14 ta' Settembru 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Ms. M. Zammit** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data